MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 839/2004

**Alexia Camilleri**

**Vs**

**Marlon Camilleri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ April 2004 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1000 (elf lira Maltin) rapprezentanti ta’ self.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont mitlub huwa rapprezentanti self ‘brevi manu’ li sar mill-attrici lill-konvenut u dan permezz ta’ skrittura privata datata 15 ta’ April 2003.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi wara l-iskrittura tal-15 ta' April 003 kien sar ftehim iehor bejn il-partijiet li permezz tieghu l-ammont mitlub ma baqax dovut.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Jirrizulta li waqt li l-konvenuti kienu gharajjes, il-konvenut issellef is-somma ta Lm1000 biex jixtri karozza u jhallas il-licenzja u l-assikurazzjoni taghha. Minhabba dan is-self, giet iffirmata karta/skrittura preparata mill-istess konvenut u ggib id-data tal-15 ta' April 2003. Pagamenti akkont kienu jitalbu izda ma kienux isiru minhabba li ma kellux flus.

Illi meta l-istess gherusija giet terminata, l-attrici talbet ir-rifuzjoni. Il-konvenut jallega jew tpacija li l-attrici ma reditx u offrielha tiehu l-vettura hija stess. Dana ma giex accettat mill-attrici tant li fethet il-proceduri odjerni ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu.

Stava ghal konvenut li jipprova l-kwistjoni tal-ftehim pattwit fl-iskrittura datata 15 ta' April 2003 'verba volat scripta manet'.

Illi l-konvenut ma gab l-ebda provi sufficenti u konvincenti sabiex jikkoninci lit-Tribunal li ntlahaq ftehim approvat ghal dak milhuq bil-miktub. Il-versjoni minnu mghotija ma hija verosimili xejn.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm1000 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------